

# Ġ 5.3 IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA

**Ġ5.3.3**

Is-Sajd tal-Lampuki.

**A. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

| | | |
|---|---|---|
| **l-Istaġun** | **komuni** | **tal-palm** |
| **tal-luzzu** | **tal-kannizzati** | **għad-dell** |

F'Malta, minn Awwissu sa Diċembru, is-sajjieda joħorġu ħafna biex jistadu għal-lampuki. Fil-fatt dan iż-żmien huwa magħruf l-aktar bħala __________________ tal-Lampuki. Is-sajd għal-lampuki jsir l-iktar permezz __________________ jew dgħajjes akbar.

F'dan iż-żmien is-sajjieda ma jaqbdux biss lampuki, imma ħafna drabi jaqbdu wkoll ħut ieħor bħal fanfri, u ċervjol. L-iktar ħuta __________________ imma hija l-lampuka.

Kif jinqabdu l-lampuki? L-iktar metodu popolari huwa dak __________________. Is-sajjieda jitfgħu ħafna weraq __________________ fil-wiċċ tal-baħar, il-lampuki jiġu taħtu __________________ biex imbagħad is-sajjied idawwarhom u jaqbadhom bix-xbieki tiegħu.



## B. Aqra dwar il-kannizzati.

*Is-siġra tal-palm li minnha*
*jinqata' l-weraq*
*biex jintuża fil-kannizzati.*



1. Il-kannizzata hija ċattra kbira magħmula minn sufri, xkejjer, weraq tal-palm, qasab u ħwejjeġ oħra li jżommu f'wiċċ l-ilma.

2. Dawn jintrabtu flimkien u jagħmlu qisu saqaf f'wiċċ il-baħar ħalli l-lampuki jidħlu taħtu jistkennu mix-xemx.

3. Biex il-kannizzata ma tinġarrx mill-kurrent, jorbtuha tajjeb bil-ħbula ma' xi knatan / ġebel li jkunu xeħtu f'qiegħ il-baħar.



*Il-luzzu armat bil-palm*
*ħiereġ jifrex il-kannizzata għas-sajd*
*tal-lampuki.*

4. Meta jasal l-istaġun tal-lampuki, is-sajjieda joħorġu bid-dgħajjes tagħhom, idawwru l-kannizzata bix-xibka, iniżżlu r-rixa marbuta mal-ħarira u jekk jaraw li jkun hemm il-ħut, jagħlqu x-xibka u jtellgħuha.

5. Wara jistivaw il-ħut fil-kavetti (kaxex fejn jistivaw il-ħut). Meta jidħlu lura x-xatt jieħdu l-ħut li jkunu qabdu il-pixkerija. Minn hemm jixtruh il-bejjiegħa tal-ħut u jmorru jbigħuh fis-swieq jew fit-toroq.

6. Tpinġija li turina kif tintrama l-**kannizzata.**




## Ċ. It-Torta tal-Lampuki.

M'hemmx dubju li l-ħut għandu proteini li huma importanti ħafna għal dieta bilanċjata. Titħajjar tiftiehem ma' xi adult u flimkien issajru t-torta tal-lampuki? Fittex *online* u sib ir-riċetta.



Torta tal-lampuki